MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

Il-Ħamis, 3 ta' Awissu, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-09:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

28.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 28.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

28.2.1 Is-Sindku wera l-apprezzament lejn is-Segretarju Eżekuttiv (SE) u l-istaff tal-koordinazzjoni tajba li saret tul żmien l-Festa u l-attivitajiet oħra ta' dan ix-xahar. Hu kompla jgħid li l-attivitajiet kollha inkluż l-Festa kienu ta' suċċess kbir.

28.2.2 Is-Sindku qal li fil-Festival morna tajjeb immens u attendew ħafna nies. Dan kien mtella' permezz tal-għajnuna finanzjarja mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienet tammonta għal € 5000.00.

28.2.3 Is-Sindku fakkar fil-flus dovuti min naħa tal-MEPA/PA li jammontaw għall madwar € 23,000.00. Issuġġerixxa li biex dawn il-flus ma jintilfux u peress li hemm kriterji marbuta magħhom għandu jitkompla l-proġett tat-tisbieħ tal-pjazza fejn isiru l-istatwetti tal-bronż, tfal qed jilgħabu fil-pjazza.

28.2.4 Is-Sindku semma li kieku jkun tajjeb li nużawhom għal tarmak ta' xi triq li għad baqa' . bla tarmak, pero il-kriterji ma jipprodux li dawn il-flus għandhom jintużaw għall-skopijiet ta' tarmak jew manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li nmexxu bil-proġett u nkellmu lil Perit minnufiħ.

28.2.4 Is-Sindku qal li għat-transport tal-bajjiet fis-sajf ma inkiteb ħadd u għalhekk dan is-servizz m'huwiex se isir.

28.2.5 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li nippjanaw għall-ħarġa ta' Malta f'Novembru. Il-Kunsill qabel li nmorru fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru fil-vaganzi tal-iskola.

28.2.6 Is-Sindku qal li tkun idea tajba jekk nagħmlu *get together* ieħor mal-barranin li joqgħodu fir-raħal ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li ssir fid-9 ta' Awissu filgħaxija. Din l-attività terġa' ssir flimkien mal-parroċċa.

28.2.7 Is-SE qalet li hemm bżonn li jiġi komplut il-*Fixed Asset Register* b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel li nqabbdu lill-accountant Pauliana Said sabiex tgħin lis-SE f'dan il-proċess.

28.2.8 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand Camilla Appelgren l-organizzatur ta' Clean Up Malta. Hija talbet sabiex nagħtu l-għajnuna biex jitnaddaf San Lawrenz. L-għajnuna għandha tikkonsisti fi skip, 300 borża flimkien ma ingwanti u xi affarjiet oħra. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din l-attivita' ta' tindif għandha issir mal-iskola ta' San

Lawrenz bħalma nagħmlu kull sena.

28.2.9 Is-SE qalet li fetħu l-applikazzjonijiet tal-European Mobility Week, l-Permament Sustainability Measure u l-European Week for Waste Reduction. Saret diskussjoni u kien hemm qbil kif se napplikaw għalihom. Għall-applikazzjoni tal-Permament Sustainability Measure sar qbil li titqabbad l-għajnuna sabiex jgħinu lis-SE fl-istess applikazzjoni.

## 28.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

28.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li kellu kuntatt mas-Sur Mario Fava u qallu li l-Proġett tal-Housing huwa ta' prijorita' iżda għalissa qiegħed pendenti. Is-Sindku qallu li nistgħu ukoll nagħmlu laqgħa uffiċjali mas-Sur Fava.

28.3.2 Is-Sindku kompla jgħid li għandna ukoll nesiġu li għalkemm qed isir il-ħajt ta' Triq it-Torri, dan ma jfissirx li għandu jieqaf il-proġett għax dan huwa biss manteniment. Hu kompla jgħid li saħansitra għamilna avviżi kemm bl-ingliż kif ukoll bil-malti ħalli dan il-messaġġ jasal għand kulħadd.

## 28.4 Proġett EU Citizens Meeting mal-Comune ta' San Venazno, Comune di Tisno, Kroaztia

28.4.1 Is-Sindku kellu kuntatt ma xi ħadd mill-Italja fejn offrulna l-istedina illu nkunu sħab mal-pajjiż tal-Kroaztia. Jekk naċċettaw, se jkollna l-akkomodazzjoni u transfers imħallsin. Is-Sindku kompla jgħid li għalissa għadna fil-istadju tal-appikazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandna nidħlu sħab.

## 28.5 Wara l-laqgħa mad-Direttur dwar l-Iżbilanċ Finanzjarju

28.5.1 Is-Sindku qal li kellna laqgħa importanti mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ġie diskuss l-istat finanzjarju tal-Kunsill. Is-Sindku u s-SE kellhom diskussjoni mad-Direttur fejn tkellmu fuq diversi affarjiet. Fosthom iddiskutew li l-baġit li għandu l-Kunsill preżentament huwa limitat ħafna fejn jagħmilha diffiċli ħafna biex noperaw, aħseb u ara biex wieħed ifaddal.

28.5.2 Is-Sindku qal ukoll illi l-laqgħa spiċċat fuq nota pożittiva ħafna għaliex d-Direttur qal li huwa jaf il-Kunsill tagħna għalkemm żgħir dejjem jaħdem sabiex javanza u għaraf ukoll li l-Kunsill ġej 'il quddiem mill-aspett finanzjarju.

## 28.6 Proposti lid-Direttur għall-Proġetti Partikolari

28.6.1 Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa mad-Direttur dwar l-Iżbilanċ Finanzjarju, għaraf illi aħna limitati wisq għall-proġetti oħra apparti dawk is-servizzi neċessarji li joffri l-Kunsill. Għalhekk, id-Direttur offra illi jekk il-Kunsill ikollu xi proġett żgħir li ma jistax iwettaq bħalissa minħabba l-aspett finanzjarju, għandna nibgħatu proposta diretta lilu sabiex hu jara kif jista jgħin. Saret diskussjoni fejn ġie diskuss liema proġett

nistgħu ngħaddu lid-Direttur.

28.6.2 Ġie ssuġġerit li għandna nitolbu biex fil-ġranet tal-Milied isiru 3D Mapping mal-Knisja biex niġbdu nies lejn San Lawrenz u nkomplu niġġeneraw ekonomija għal dawk li għandhom stbilimenti fil-pjazza.

## 28.7 Tifkira tal-75 Anniversarju mill-Bombardament fuq San Lawrenz

28.7.1 Is-Sindku fakkar illi wasal l-75 anniversarju mill-Bombardament fuq San Lawrenz fit-Tieni Gwerra Dinjija. Is-Sindku propona li nerġgħu nagħmlu quddiesa fejn il-monument fit-Triq ir-Rokon. Il-Kunsill qabel.

28.7.2 Is-Sindku qal li rċieva messaġġ mingħand mara Ġermaniża fejn wriet ix-xewqa tagħha li tattendi għall-quddiesa tat-Tifkira sabiex turi s-solidarjeta' mal-poplu tagħna. Hi qalet ukoll li jiddispjaċiha tal-orruri li saru minn niesha fi żmien il-Gwerra Dinjija u tixtieq toffri bukkett bħala sinjal ta' paċi.

## 28.8 Boat Party l-Attivita' Annwali taż-Żgħażagħ

28.8.1 L-ambaxxatur taż-żgħażagħ fakkar fil-Boat Party li jsir kull sena għaż-żgħażaħ. Is-Sindku ppropona li terġa titella' din l-attivita' bħall-kull sena wara l-festa. Sar qbil li nagħmluha fid-9 ta' Settembru.

## 28.9 Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart

28.9.1 Is-SE ressqet ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat.

## 28.10 Tenders tal-Locality Assistant u t-Tender tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku

28.10.1 Is-SE qalet li hemm bżonn jinħareġ it-Tender tal-Locality Assistant għaliex li hemm preżenti huwa skadut. Wara li ġew diskussi t-termini, ġie approvat sabiex tinħareġ l-offerta immedjatment.

28.10.2 Is-SE qalet li t-Tender tal-Iskart Domestiku se jagħlaq daqt u flimkien mal-Kunsill tal-Għasri se jiġi ifformulat Bord ta' Evalwazzjoni biex jevalwa l-offerti. Il-Kunsill approva.

## 28.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 28.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:00 u ġiet aġġornata għall-14 ta' Settembru 2017 fid-09:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv